**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 5**

It-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

## PREŻENTI

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Andrew Agius u l-Onor. John Baptist Camilleri kienu skużati.

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Andy Ellul kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 4 li saret fl-24 ta' Ġunju 2026 kienu kkonfermati.

## RIŻULTAT TAL-ELEZZJONI KAŻWALI

L-Iskrivan tal-Kamra qrat id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ġiet mgħoddija lilha dakinhar dwar ir-riżultat tal-elezzjoni każwali għat-Tielet Distrett Elettorali li nżammet fis-26 ta' Ġunju 2026 fejn ġie elett l-Onor. Ray Abela biex jimtela l-post vakat mill-Onor. Carmelo Abela.

## PERMESS TAL-KAMRA

Skont ftehim milħuq, fotografu tad-DOI ngħata permess jidħol fil-Kamra sabiex jiġbed ritratti waqt l-għoti tal-ġurament tal-Onor. Ray Abela.

## ĠURAMENT TA' LEALTÀ TA' MEMBRU ĠDID

L-Onor. Ray Abela ħa u ffirma l-Ġurament ta' Lealtà minn idejn l-Ispeaker skont l-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 127 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1 li saret lis-Sedja mill-Onor. Darren Carabott dwar Crowd Barriers madwar il-Parlament; u

P.L. 128 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2 li saret lis-Sedja mill-Onor. Stanley Zammit dwar Videos tas-Seduti Parlamentari fuq il-Website tal-Parlament.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 1 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 129 Policy maħruġa mill-Awtorità tad-Djar bl-isem 'Lease Conditions for Properties Allocated for Social Accomodation', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 148;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 130 Ir-riżultat tal-Elezzjoni Każwali ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għat-Tielet Distrett Elettorali li saret fis-26 ta' Ġunju 2026;

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 131 Stqarrija maħruġa mill-Enemalta bl-isem 'Enemalta bi ftehim ġdid għall-provvista tal-LNG', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 27; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 132 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għas-sena 2025.

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 133 Avviż Legali Nru 175 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port.

Il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 134 Tabella li turi n-numru ta' dog bins fit-toroq maqsuma skont il-kunsilli lokali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 132; u

f'isem il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 135 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji ta' Jobsplus għas-sena 2025;

P.L. 136 Estimi Finanzjarji ta' Jobsplus għas-sena 2026;

P.L. 137 Rapport Annwali tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2025;

P.L. 138 Rapport u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2025; u

P.L. 139 Estimi Finanzjarji tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026.

Il-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 140 Rapport Annwali tal-European Union Programmes Agency (EUPA) għas-sena 2025; u

P.L. 141 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-European Union Programmes Agency, Erasmus Plus Operations and European Solidarity Corps Operations – Administrative Funds and Europass Network (EUPA) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ARMI – MOZZJONI 16**

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, ipproponiet l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480" inqara l-ewwel darba.

**ABBOZZ TA' LIĠI BIEX IWAQQAF IL-KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-UGWALJANZA – MOZZJONI 18**

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, ipproponiet l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi biex iwaqqaf il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza.

L-Onor. Deborah Schembri ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex iwaqqaf il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza" nqara l-ewwel darba.

**ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JIRREGOLA S-SETTURI VOLONTARJI – MOZZJONI 20**

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, ipproponiet l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi sabiex jirregola s-setturi volontarji.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jirregola s-setturi volontarji u mhux bi skop ta' profitt billi jistabbilixxi qafas komprensiv li jiżgura l-operat effettiv tagħhom u sabiex jipprovdi għal kwalunkwe materja anċillari għall-istess" inqara l-ewwel darba.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA - MOZZJONI 3

Il-Kamra rriżumiet mill-24 ta' Ġunju 2026 id-diskussjoni fuq l-Indirizz b'Risposta għad-Diskors tal-President.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Ramona Attard, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Yana Borg Debono Grech, l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Conrad Borg Manche, l-Onor. Annabelle Cilia, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. George Vital Zammit, l-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Beppe Galea u l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto.

Fis-7.00 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal sabiex tkompli d-diskussjoni fuq l-Indirizz b'Risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta.

Fis-7.24 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq l-emenda mressqa mill-Onor. Eve Borg Bonello fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026 u ddikjara li l-emenda ma għaddietx, intalbet votazzjoni. L-Ispeaker avża li din kellha tittieħed f'seduta li tiġi maqbula skont kif miftiehem fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.25 pm, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |

Il-Ministru għall Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali informa lill-Kamra li bi qbil bejn iż-żewġ naħat, fis-seduta tal-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2026, kellhom jiġu diskussi l-estimi tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar, minkejja li l-mozzjoni dwar l-Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar ma kellhiex l-avviż ta' tlett ijiem kif rikjest mill-Ordnijiet Permanenti.

Fis-7.27 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**